FGURA

Minuti tal-laqgħa 24 tas-seba' Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 9 ta' Diċembru, 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-18:33.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Dr. Byron Camilleri |
| **Viċi Sindku:** | Is-Sur P Dalli |
| **Kunsilliera:** | Is-Sur S. Camilleri<br>Is-Sur R. Deguara<br>Is-Sur R. Ellul<br>Is-Sur M. Lombardo 18:41<br>Is-Sur J. Zammit |
| **Ambaxxatur Vot 16:** | Is-Sur R. Attard |
| **Segretarju:** | Is-Sur C. Cutajar |

Il-Kunsillier is-Sur R Zammit, talab li jkun skużat minħabba impenn tal-familja li ma setgħax jitlef. Il-Kunsillier is-Sur C Bonello talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' safar (Iż-żewġ talbiet jinsabu annessi f''DOK A'). Il-Kunsilliera preżenti għal-laqgħa qablu li jkunu magħduda bħala skużati.

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

**1.0 <u>Minuti</u>**

1.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3932/14/7 "Sabiex jiġu approvati minuti 4 ta' Novembru 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3932/14/7 kienet approvata unanimament.

1.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3933/14/7 "Sabiex jiġu approvati minuti 11 ta' Novembru 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3933/14/7 kienet approvata unanimament.

**2.0 Matters Arising**

2.01 Ebda materja ma tressqet għal dan il-punt.

**3.0 Korrispondenza**

3.01 Ma tressqet ebda korrispondenza.

**4.0 Purchase Request Forms**

4.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3934/14/7 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM 9/12/14" (ara 'DOK B' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3934/14/7 kienet approvata unanimament.

**5.0 Ħlasijiet**

5.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3934/14/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 12/11/14 sa 28/11/14" (ara 'DOK Ċ' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3934/14/7 kienet approvata unanimament.

5.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3935/14/7 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet 29/11/14 sa 9/12/14" (ara 'DOK D' anness). Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3935/14/7 kienet approvata unanimament.

**6.0 Memos**

6.01 Ma tressqet ebda memo.

**7.0 Tenders**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ġie miftuħ it-tender EUC-17-14 li jitratta s-servizz ta' Kordinatur għal Proġetti Finanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Semma' kif is-Segretarju se jkun qed iħejji rapport sabiex tittieħed deċiżjoni fil-laqgħa li jmiss.

**8.0 Proġetti, Toroq u Xogħolijiet Infrastrutturali**

8.01 Fir-rigward tal-proġett ta' *planters* fi Triq Żabbar u Hompesch, is-Sindku semma' kif il-kuntrattur beda x-xogħol relatat ma' dan il-proġett. Is-Sindku qal li jeħtieġ ikun deċiż fejn għandhom jitqiegħdu l-*planters* eżistenti.

8.01.1 Is-Sur S Camilleri qal li għandu jsir site-plan sabiex permezz tiegħu ikun identifikat fejn jistgħu jitqiegħdu tali *planters*.

Is-Sur M Lombardo daħal fil-kamra fis-6:41pm.

8.01.2 Ġie deċiż li s-Segretarju għandu jibgħat imejl lill-Għaqdiet kollha tal-lokalita' sabiex dawn jersqu 'l quddiem jekk għandhom proposti fejn jistgħu jitqiegħdu dawn il-*planters*.

**9.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.01 Is-Sindku semma' kif l-inizjattiva tal-Festa tal-Ilsien Malti li ttellgħet f'Jum il-Fgura 2014, ġiet milqugħa tajjeb mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ilsien Malti, tant li f'ċirkulari mibgħuta lill-Kunsilli Lokali kollha għamlu referenza għal ħidmet il-Kunsill Lokali tal-Fgura (ara 'DOK E' anness).

**10.0 Rapporti Kumitati u Sotto Kumitati**

10.01 Ma tressaq ebda rapport.

**11.0 Progress ta' Ħidma mill-Membri tal-Kunsill**

11.01 Is-Sur R Attard qal li l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (KLŻ) irnexxilu jikseb il-fondi sabiex iwettaq proġett li applika għalih mal-Aġenzija Żgħażagħ. Huwa rringrazzja lill-bqija tal-Kunsill tal-kollaborazzjoni u l-apprezzament tagħhom matul din il-ħidma li għandha twassal sabiex il-proġett relatat mal-vjolenza domestika jitlesta sa Ottubru 2015.

11.01.1 Is-Sindku faħħar din l-inizjattiva tal-KLŻ u għamel rimarki dwar il-professjonalita' li biha saret l-applikazzjoni għal dan il-proġett, kif ukoll il-mod kif ix-xogħol tal-KLŻ qed ikun dokumentat.

11.01.2 Is-Segretarju rrimarka li flimkien mas-Sindku żar l-Aġenzija Żgħażagħ sabiex ġie ffirmat l-ftehim relatat ma' dan il-proġett.

11.02 Is-Sur P Dalli semma' kif il-*pedestrian crossing* li tinsab fi Triq Hompesch kantuniera ma' Triq il-Karmnu jaf tkun perikoluża għal min jaqsam, hekk kif is-sewwieqa li jiġu minn Triq il-Karmnu, għandhom imnejn iktar jagħtu attenzjoni lill-vetturi li jkunu ġejjin min-naħa ta' Ħaż-Żabbar, milli jekk ikunx qed jaqsam xi ħadd waqt li jkunu qed iduru. Għaldaqsant issuġġerixxa li jkun esplorat li din il-*pedestrian crossing* tinstabilha post ieħor fl-istess akwata tat-triq.

11.02.1 Kien hemm qbil ġenerali li s-Segretarju jesplora din il-possibilita' flimkien mal-Perit tal-Kunsill.

## 12.0 **Ilmenti u talbiet lill-Kunsill**

12.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3937/14/7 "Sabiex issir tabella fi Sqaq Rjallu biex ma jsirx *obstruction* ta' *garages*". Din kienet sekondata mis-Sur R Ellul. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3937/14/7 ġiet approvata unanimament.

12.02 Is-Sindku irrefera għal talba ta' *Un/Loading Bay* li saret permezz ta' 'DOK F' anness, liema talba ma tistax tintlaqa' peress li din hija materja li tirrigwardja infurzar tal-liġi.

12.02.1 Kien hemm qbil ġenerali dwar dan.

12.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3938/14/7 "Sabiex issir *no parking sign* quddiem il-*club* tal-ħamiem fi Triq Klerku bejn is-18:00 u d-21:00, nhar ta' Ġimgħa, skont kif anness". Din kienet sekondata mis-Sur J Zammit. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3938/14/7 ġiet approvata unanimament.

12.04 Is-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 3939/14/7 "Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba annessa". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur M Lombardo.
Kontra – Ħadd.
Astenzjoni – Sur J Zammit.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3939/14/7 kienet approvata b'sitt voti favur, l-ebda vot kontra u astenzjoni waħda.

## 13.0 **Traffic Management**

13.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3940/14/7 "Sabiex fir-rigward tal-konsultazzjoni li saret mar-residenti ta' Triq il-Karmnu u l-madwar, dan il-Kunsill jinnota d-diversi sottomissjonijiet riċevuti mir-residenti u jiddeċiedi sabiex ma jsir l-ebda tibdil u dan sakemm jittieħdu deċiżjonijiet mod ieħor". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli.

13.01.1 Is-Sur M Lombardo qal li huwa ma jqisx din il-mozzjoni bħala deċiżjoni minnha nfisha.

13.01.2 Is-Sindku qal li hemm ir-riskju li jekk jinbidel l-immaniġġjar tat-traffiku f'din iż-żona jkunu qed jinħolqu problemi ġodda.

13.01.3 Is-Sur S Camilleri semma' kif bil-proċess ta' konsultazzjoni li nfetaħ f'dan ir-rigward, deher biċ-ċar li l-proposti li saru ma ntlaqgħux tajjeb mir-residenti tal-akkwati.

13.01.4 Is-Sur M Lombardo qal li jibqa' l-fatt li hemm periklu fi Triq il-Karmnu li jeħtieġ ikun indirizzat.

13.01.5 Ittieħed vot.

Favur – Sindku, Sur S Camilleri, Sur P Dalli, Sur R Deguara, Sur R Ellul, Sur J Zammit.
Kontra – Sur M Lombardo.
Astenzjoni – Ħadd.

Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Il-mozzjoni ref: 3940/14/7 kienet approvata b'sitt voti favur, vot kontra u l-ebda astenzjoni.

13.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3941/14/7 "Sabiex isir *double yellow line* biswit il-garaxx ma' ġenb 13, Triq il-Misk, skont il-liġi". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3941/14/7 ġiet approvata unanimament.

**14.0 <u>Staff</u>**

14.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3942/14/7 "Sabiex dan il-Kunsill jagħti performance bonus in full lil Cynthia Grech Plumpton rigward ħidma mwettqa fis-sena kalendarja 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3942/14/7 ġiet approvata unanimament.

14.02 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3943/14/7 "Sabiex dan il-Kunsill jagħti performance bonus in full lil Ritianne Cassar rigward ħidma mwettqa fis-sena kalendarja 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3943/14/7 ġiet approvata unanimament.

14.03 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3944/14/7 "Sabiex dan il-Kunsill jagħti performance bonus in full lil Mary Rose Bilocca rigward ħidma mwettqa fis-sena kalendarja 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3944/14/7 ġiet approvata unanimament.

14.04 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3945/14/7 "Sabiex dan il-Kunsill jagħti performance bonus in full lil Anna Marie

Curmi rigward ħidma mwettqa fis-sena kalendarja 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3945/14/7 ġiet approvata unanimament.

14.05 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3946/14/7 "Sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata performance bonus in full rigward ħidma mwettqa fis-sena kalendarja 2014". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3946/14/7 ġiet approvata unanimament.

**15.0 <u>Finanzi</u>**

15.01 Is-Sindku semma' li peress li kienu meħtieġa xi emendi rigward ir-rapport għat-tielet kwart tas-sena 2014, liema emendi damu biex waslu għand il-Kunsill, tali rapport se jitressaq għall-vot fil-laqgħa li jmiss.

**16.0 <u>Attivitajiet</u>**

16.01 Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 3947/14/7 "Sabiex tittella' pageant fl-iskola primarja bil-kollaborazzjoni mal-Fgura Pageant Group. Il-Kunsill jagħmel tajjeb għas-sala, caretaker u pubblikazzjoni". Din kienet sekondata mis-Sur P Dalli. Ittieħed vot.

Il-mozzjoni ref: 3947/14/7 ġiet approvata unanimament.

**17.0 <u>Mozzjonijiet</u>**

17.01 Ma tressqet ebda mozzjoni.

**18.0 <u>Mistoqsijiet</u>**

18.01 Ma saret ebda mistoqsija.

**19.0 <u>Aġġornament</u>**

19.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar, 2014, fis-18:30.

Il-laqgħa ntemmet fis-19:20.

Sindku

Segretarju

Dok 'A'

**Fgura Local Council at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at DLG |
| **Sent:** | 03 December 2014 00:43 |
| **To:** | Charles Bonello |
| **Cc:** | ryn723@hotmail.com; Byron Camilleri LL.D.; Dalli Pierre at Heritage Malta; Jesmond Zammit; Mark Lombardo; Mark Lombardo; Pierre Dalli; Raymond Deguara; Rene Zammit; Ryan Ellul; Saviour Camilleri; chris.a.cutajar@gmail.com; Pace Paul Joseph at DLG; Cutajar Christopher at DLG |
| **Subject:** | RE: Laqgha tal-Kunsill 9 ta' Dicembru 2014 |

Sur Bonello,

Ħadt nota tal-imejl tiegħek u tal-fatt li qed titlob li tkun skużat għal-laqgħa.

Ġentilment nitolbok tirreferi għal artiklu 48(2) tal-Kapitlu 363, ċjoe' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, li testwalment jgħid dan li ġej:

*L-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku fil-**ġranet kollha tax-xogħol inkluża l-ġurnata tas-Sibt** u matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju.*

Dan ifisser li huwa l-Att innifsu li jirrikonoxxi l-jum tas-Sibt bħala *ġurnata ta' xogħol.*

L-artiklu msemmi minnek, ċjoe' il-45 (d) jgħid dan li ġej:

*l-aġenda tal-laqgħa trid tasal għand il-Kunsillieri mill-anqas ħames ġranet tax-xogħol qabel il-laqgħa.*

Għaldaqstant peress li l-jum tax-xogħol tal-Kunsill bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa f'dan il-perjodu huwa sal-5pm, nifhem li peress li l-laqgħa f'dan il-każ qed tkun imsejħa nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru fis-6:30pm jonqos dawn il-jiem ta' xogħol qabel il-laqgħa li jmiss:

1. L-Erbgħa 3 ta' Diċembru (Il-jum tax-xogħol jibda daqs sitt sigħat u tliet kwarti oħra)
2. Il-Ħamis 4 ta' Diċembru
3. Il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru
4. Is-Sibt 6 ta' Diċembru
5. It-Tlieta 9 ta' Diċembru

Dan ifisser li l-Aġenda qiegħda infatti tasal għand il-Kunsillieri ħames ġranet tax-xogħol qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

Fl-imejl tiegħek mibgħuta hawn taħt inti ktibt li *'għal darb'oħra, din il-laqgha mhijiex tissejjah skond il-liġi'*. Nitolbok telenka d-drabi l-oħra kollha li fihom il-laqgħa ma ssejħitx skont il-liġi. Ma għandi l-ebda problema nidentifika fejn inkun żbaljajt, iżda fl-istess waqt ma naċċettax li xi ħadd jixlini li qed nikser il-liġi daqs li kieku dan irrid nagħmlu b'xi kapriċċ jew inkella b'ċertu indifferenza lejn il-liġi nnifisha.

Qiegħed nikkopja wkoll lis-Sur Paul Pace, Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, sabiex jekk iħoss il-ħtieġa jintervjeni.

Tislijiet,
Christopher Cutajar

Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali - Il-Fgura

**From:** Charles Bonello [charlesbonello2012@gmail.com]
**Sent:** 02 December 2014 23:17
**To:** Fgura Local Council at DLG
**Cc:** ryn723@hotmail.com; Byron Camilleri LL.D.; Dalli Pierre at Heritage Malta; Jesmond Zammit; Mark Lombardo; Mark Lombardo; Pierre Dalli; Raymond Deguara; Rene Zammit; Ryan Ellul; Saviour Camilleri; chris.a.cutajar@gmail.com
**Subject:** Re: Laqgha tal-Kunsill 9 ta' Dicembru 2014

Sur Segretarju Ezekuttiv,

Nirreferi ghas-sejha u l-agenda ghal-laqgha li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Fgura li ser issir fid-9 ta Dicembru 2014.

Peress li ser inkun imsiefer u nigi lura fid-9 ta Dicembru stess filghaxija, probabilment mhux ser inlehhaq nattendi ghal-laqgha. Ghalhekk nitolbok sabiex timmarkani bhala skuzat.

Barra dan, nigbidlek l-attenzjoni li ghal darb'ohra, din il-laqgha mhijiex tissejjah skond il-ligi u dan qed isir bi ksur ta artiklu 45 (d) tal-Ligi dwar il-Kunsilli Lokali.

Grazzi hafna.

**Charles Bonello**
**Kunsillier**

2014-12-02 13:32 GMT+01:00 Fgura Local Council at DLG <fgura.lc@gov.mt>:

Għeżież Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera,

Flimkien ma' din l-imejl qed nibagħtilkom l-Agenda u d-dokumenti relatati mat-24 Laqgħa tas-Seba' Kunsill li hija skedata għal nhar it-Tlieta 9 ta' Diċembru 2014 fis-6:30pm.

Il-Kunsillieri li talbu d-dokumenti f'format stampat jistgħu jiġbruhom mill-kaxxa tal-ittri allokata lilhom.

Grazzi tassew.

Tislijiet,

Cynthia Grech Plumpton

Assistent Prinċipal

Kunsill Lokali - Il-Fgura

68, 'Dar il-Kunsill'

Triq il-Karmnu,

Fgura  FGR 2104

Tel:  21 664 000

Fax:  21 664 222

Imejl:  fgura.lc@gov.mt

## Fgura Local Council at DLG

**From:** info@zammitrene.com
**Sent:** 03 December 2014 13:58
**To:** Fgura Local Council at DLG
**Subject:** Skuzat

Sur Segretarju,

Nitlob li nkun skuzat ghal-laqgha tad-9 ta' Dicembru peress li ghandi okkazjoni tal-familja li ma nistax nitlef.

Tislijiet,
Rene' Zammit

'Dok 3'

| PRFPO FOR CM 9/12/14 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
| 6345 | 6531 | Roderick Camilleri | nursing services re influenza vaccinations on 19/11/14 | 100.00 |
| 6346 | 6532 | Roderick Bilocca | nursing services re influenza vaccinations on 19/11/14 | 100.00 |
| 6347 | 6533 | David Grixti | nursing services re influenza vaccinations on 19/11/14 | 100.00 |
| 6348 | 6534 | Big Beeper Hardware Store | 4 xkejjer ramel, xkora cement | 11.10 |
| 6349 | 6535 | Daniel Cutajar | bulky refuse for October 2014 - 374 house calls | 972.40 |
| 6350 | 6536 | Big Beeper Hardware Store | set bits | 6.60 |
| 6351 | 6537 | MB Distribution | 5 boxes A4 paper | 66.25 |
| 6352 | 6538 | Heritage Malta | visit to 100 objects exhibition at the National Museum of Archeology on 22/10/14 | 45.00 |
| 6353 | 6539 | National Commission Persons with Disability | 70 Accessibility Icon stickers | 75.89 |
| 6354 | 6540 | Compleet IS Services Ltd | 2 UPS | 129.90 |
| 6355 | 6541 | WM Env. Ltd | hasil tal-art fejn hemm il-BIS fi Triq MB Consilii | 25.00 |
| 6356 | 6542 | C.S.D. Office Trade | highlighters, pencil erasers, carton file folders, punched pockets, lever arch files, staples, biros, envelopes, yellow notes, diary | 164.68 |
| 6357 | 6543 | Nexos Street Lighting Ltd | pole installation complete with mushroom type fitting at Triq it-Taghlim | 856.21 |
| 6358 | 6544 | Kummissjoni Festa Esterna | riklam fil-kalendarju 2015 fil-pagni kollha | 150.00 |
| 6359 | 6545 | Arry Ent Ltd - Hompesch Service Station | diesel van IBL 985 | 40.00 |
| 6360 | 6546 | Emmanuel Grech Co Ltd | tape tad-dawl, china connectors, roll fildiferro, cable ties | 47.40 |
| 6361 | 6547 | V Mifsud Ltd | rope light white, green, red, yellow, splice | 107.20 |
| 6362 | 6548 | Big Beeper Hardware Store | 4 xkejjer ramel, xkora cement | 11.10 |
| 6363 | 6549 | James Caterers Ltd | party menu 1 for 150 persons, waiters, drinks on 25/10/14 Festa tal-Ilsien Malti | 808.36 |
| 6364 | 6550 | Pharlap Ironmongery | jigger hire on 10/11/14 | 25.00 |
| 6365 | 6551 | Big Beeper Hardware Store | 4 xkejjer ramel, xkora cement | 11.10 |
| 6366 | 6552 | BDL | book - Il-Prostituzzjoni f'Malta | 9.95 |
| 6367 | 6553 | Miller Distributions Limited | 34 books | 171.87 |
| 6368 | 6554 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu | riklam fil-kalendarju 2015 | 120.00 |
| 6369 | 6555 | Gejtu Cauchi | aircondition Hi Sense 18000 BTU | 620.00 |
| 6370 | 6556 | Big Beeper Hardware Store | landa zebgha sewda | 15.45 |
| 6371 | 6557 | Chris Reed | high up hire on 21/11/14 from 8pm-11pm and on 11/1/15 from 7am-12pm | 130.00 |
| 6372 | 6558 | Frans Vella | high up service on 21/11/14 from 8pm -11pm | 82.60 |
| 6373 | 6559 | Arry Ent Ltd - Hompesch Service Station | diesel van IBL 985 | 40.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6374 | 6560 | Big Beeper Hardware Store | zebgha maroon, 5 rollers, 2 handles | 36.70 |
| 6375 | 6561 | Big Beeper Hardware Store | lock | 13.75 |
| 6376 | 6562 | Peter Busuttil | 69 bicciet injam marine plywood ghat-tabelli tal-iskart | 76.70 |
| 6377 | 6563 | B Grima and Sons Ltd | 4 white road marking paint | 276.00 |
| 6378 | 6564 | Holistic Technologies Ltd | Robotics One computer course - 7 students | 595.00 |
| 6379 | 6565 | Daniel Cutajar | collection of bulky refuse during Nov 14 | 772.20 |

PRFPO FOR CM 9/12/14

| Purchase Request | Purchase Order | Name | Item | Price Euro |
|---|---|---|---|---|
| 6345 | 6531 | Roderick Camilleri | nursing services re influenza vaccinations on 19/11/14 | 100.00 |
| 6346 | 6532 | Roderick Bilocca | nursing services re influenza vaccinations on 19/11/14 | 100.00 |
| 6347 | 6533 | David Grixti | nursing services re influenza vaccinations on 19/11/14 | 100.00 |
| 6348 | 6534 | Big Beeper Hardware Store | 4 xkejjer ramel, xkora cement | 11.10 |
| 6349 | 6535 | Daniel Cutajar | bulky refuse for October 2014 - 374 house calls | 972.40 |
| 6350 | 6536 | Big Beeper Hardware Store | set bits | 6.60 |
| 6351 | 6537 | MB Distribution | 5 boxes A4 paper | 66.25 |
| 6352 | 6538 | Heritage Malta | visit to 100 objects exhibition at the National Museum of Archeology on 22/10/14 | 45.00 |
| 6353 | 6539 | National Commission Persons with Disability | 70 Accessibility Icon stickers | 75.89 |
| 6354 | 6540 | Compleet IS Services Ltd | 2 UPS | 129.90 |
| 6355 | 6541 | WM Env. Ltd | hasil tal-art fejn hemm il-BIS fi Triq MB Consilii | 25.00 |
| 6356 | 6542 | C.S.D. Office Trade | highlighters, pencil erasers, carton file folders, punched pockets, lever arch files, staples, biros, envelopes, yellow notes, diary | 164.68 |
| 6357 | 6543 | Nexos Street Lighting Ltd | pole installation complete with mushroom type fitting at Triq it-Taghlim | 856.21 |
| 6358 | 6544 | Kummissjoni Festa Esterna | riklam fil-kalendarju 2015 fil-pagni kollha | 150.00 |
| 6359 | 6545 | Arry Ent Ltd - Hompesch Service Station | diesel van IBL 985 | 40.00 |
| 6360 | 6546 | Emmanuel Grech Co Ltd | tape tad-dawl, china connectors, roll fildiferro, cable ties | 47.40 |
| 6361 | 6547 | V Mifsud Ltd | rope light white, green, red, yellow, splice | 107.20 |
| 6362 | 6548 | Big Beeper Hardware Store | 4 xkejjer ramel, xkora cement | 11.10 |
| 6363 | 6549 | James Caterers Ltd | party menu 1 for 150 persons, waiters, drinks on 25/10/14 Festa tal-Ilsien Malti | 808.36 |
| 6364 | 6550 | Pharlap Ironmongery | jigger hire on 10/11/14 | 25.00 |
| 6365 | 6551 | Big Beeper Hardware Store | 4 xkejjer ramel, xkora cement | 11.10 |
| 6366 | 6552 | BDL | book - Il-Prostituzzjoni f'Malta | 9.95 |
| 6367 | 6553 | Miller Distributions Limited | 34 books | 171.87 |
| 6368 | 6554 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu | riklam fil-kalendarju 2015 | 120.00 |
| 6369 | 6555 | Gejtu Cauchi | aircondition Hi Sense 18000 BTU | 620.00 |
| 6370 | 6556 | Big Beeper Hardware Store | landa zebgha sewda | 15.45 |
| 6371 | 6557 | Chris Reed | high up hire on 21/11/14 from 8pm-11pm and on 11/1/15 from 7am-12pm | 130.00 |
| 6372 | 6558 | Frans Vella | high up service on 21/11/14 from 8pm -11pm | 82.60 |

APPROVED
- 9 DEC 2014
COUNCIL MEETING

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 6373 | 6559 | Arry Ent Ltd - Hompesch Service Station | diesel van IBL 985 | 40.00 |
| 6374 | 6560 | Big Beeper Hardware Store | zebgha maroon, 5 rollers, 2 handles | 36.70 |
| 6375 | 6561 | Big Beeper Hardware Store | lock | 13.75 |
| 6376 | 6562 | Peter Busuttil | 69 bicciet injam marine plywood ghat-tabelli tal-iskart | 76.70 |
| 6377 | 6563 | B Grima and Sons Ltd | 4 white road marking paint | 276.00 |
| 6378 | 6564 | Holistic Technologies Ltd | Robotics One computer course - 7 students | 595.00 |
| 6379 | 6565 | Daniel Cutajar | collection of bulky refuse during Nov 14 | 772.20 |

APPROVED

COUNCIL MEETING

Kunsill Lokali: Fgura

Skeda Nru. 24

('DOK Ċ')

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
## Data 12/11/14 sa 28/11/14

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Arms Ltd | €650.00 | €650.00 | D | PF | 3 Temporary applications re Christmas Decorations from 6/12/14 - 5/1/15 and 2 Temporary applications from 5/1/15-5/2/15 | nil | nil | nil | nil | | 9539 |
| 2 | Go plc | €50.00 | €50.00 | D | PF | bill no 40731366 re Internet rental 21806342 | 12/11/14 | 40731366 | nil | nil | | 9540 |
| 3 | Go plc | €34.94 | €34.94 | D | PF | bill no 40737917 re rental charge tel 21803674 business Internet Skola Primarja Library | 12/11/14 | 40737917 | nil | nil | | 9541 |
| 4 | Go plc | €110.53 | €110.53 | D | PF | bill no 40715307- re mob 79664222 for Oct 14 | 10/11/14 | 40715307 | nil | nil | | 9542 |
| 5 | Melita plc | €35.00 | €35.00 | D | PF | inv 100525214 re business internet 1/11/14-30/11/14 | 01/11/14 | 100525214 | nil | nil | | 9543 |
| 6 | Cynthia Grech Plumpton | €987.79 | €987.79 | D | PF | payroll Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | 9544 |
| 7 | Commissioner of Inland Revenue | €2,146.12 | €2,146.12 | D | PF | NI and tax for Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | 9545 |
| 8 | Dr Byron Camilleri | €609.52 | €609.52 | D | PF | Mayor's Honoraria for Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 9 | Christopher Cutajar | €1,779.32 | €1,779.32 | D | PF | payroll Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 10 | A'Marie Curmi | €1,051.08 | €1,051.08 | D | PF | payroll Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 11 | M'Rose Bilocca | €1,055.67 | €1,055.67 | D | PF | payroll Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 12 | Emanuel Buhagiar | €693.07 | €693.07 | D | PF | payroll Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 13 | Ritianne Cassar | €587.50 | €587.50 | D | PF | payroll Nov 14 | nil | nil | nil | nil | | DC |
| 14 | Arms Ltd | €273.23 | €273.23 | D | PF | inv 19355728 re A/c 101000137237 re 66 Tribunal Triq il-Karmnu Fgura for period 22/7/14-3/10/14 | 30/10/14 | 19355728 | nil | nil | | 9546 |
| 15 | Arms Ltd | €226.25 | €226.25 | D | PF | inv 19468419 re A/c 411000048470 re Niche of Our Lady on St John Triq il-Karmnu Fgura 26/6/14-24/9/14 | 13/11/14 | 19468419 | nil | nil | | 9547 |
| 16 | Arms Ltd | €71.64 | €71.64 | D | PF | inv 19468418 re A/c 411000048198 re Club Pjazza Patri Redent Gauci Fgura on 13/7/14-24/9/14 | 13/11/2014 | 19468418 | nil | nil | | 9548 |
| 17 | Arms Ltd | €85.31 | €85.31 | D | PF | inv 19468411 re A/c 101000022451 re Paviment Taghlim c/w Triq is-Sur Fgura - 28/5/14-24/9/14 | 13/11/14 | 19468411 | nil | nil | | 9549 |
| 18 | Arms Ltd | €449.13 | €449.13 | D | PF | inv 19468412 re A/c 101000032943 re Public Garden Pjazza Patri Redent Gauci Fgura - 4/6/14-6/9/14 | 13/11/14 | 19468412 | nil | nil | | 9550 |
| 19 | Arms Ltd | €53.78 | €53.78 | D | PF | inv 19468417 re A/c 411000048174 re Pjazza Redent Gauci Fgura from 13/7/14-24/9/14 | 13/11/14 | 19468417 | nil | nil | | 9551 |
| 20 | Arms Ltd | €65.58 | €65.58 | D | PF | inv 19468413 re A/c 101000181497 re B'Ment and Club Pjazza Patri Redent Gauci Fgura 31/5/14-2/9/14 | 13/11/14 | 19468413 | nil | nil | | 9552 |
| | Sub Total c/f | €11,015.46 | €11,015.46 | | | | | | | | | |
| | Total | €11,015.46 | €11,015.46 | | | | | | | | | |
| | | | | | | | Sindku | | | | Segretarju Eżekuttiv | |
| Approvati fis-Seduta Nru: | | | | | | | | | | | | |
| D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full. | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | Kunsillier | | | | Kunsillier | |

Ray Degiorgio

**Kunsill Lokali: Fgura** — **Skeda Nru. 24**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** Data 12/11/14 sa 28/11/14

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Arms Ltd | €40.86 | €40.86 | D | PF | inv 19468414 re A/c 101000186196 re Triq Gorg Stevens Fgura 13/7/14-24/9/14 | 13/11/14 | 19468414 | nil | nil | | 9553 |
| 22 | Malta Information Technology Agency | €421.82 | €421.82 | D | PF | sales inv Sin 031045 u Sin 031110 - provision, maintenance and support of Wide Area Connectivity from Oct-Dec 14 and email accounts Jul-Sept 14 | 19/11/14 | Sin 031045, Sin 031110 | nil | nil | | |
| 23 | Sound Generation | €220.00 | €220.00 | D | PF | inv 40, 41 - pa system on 25/10/14 and 26/10/14 | 25/10/14-26/10/14 | 40-41 | 6321-6330 | 6507-6516 | | |
| 24 | Miller Distributors Ltd | €171.87 | €171.87 | D | PF | inv 22 - 34 books | 17/11/14 | 22 | 6367 | 6553 | | |
| 25 | Christopher Cutajar | €67.91 | €67.91 | D | PF | fuel allowance | 27/11/14 | nil | nil | nil | | |
| 26 | Book Distributors Ltd | €7.47 | €7.47 | D | PF | inv 242227 - 1 book | 19/11/14 | 242227 | 6366 | 6552 | | |
| 27 | D Xquisite Pasticceria | €236.00 | €236.00 | D | PF | inv GOV028 - catering for function on 23/10/14 for 50 persons | 23/10/14 | GOV028 | 6323 | 6509 | | |
| 28 | Gejtu Cauchi | €620.00 | €620.00 | D | PF | inv 9333225 - aircondition Hi Sense 18000 BTU | 20/11/14 | 9333225 | 6369 | 6555 | | |
| 29 | Peter Busuttil | €76.70 | €76.70 | D | PF | inv 233 - injam ghat-tabelli tal-iskart marine plywood | 25/11/14 | 233 | 6376 | 6562 | | |
| 30 | Roderick Bilocca | €100.00 | €100.00 | D | PF | inv re nursing services performed on 19/11/14 re influenza vaccinations | 19/11/14 | nil | 6346 | 6532 | | |
| 31 | Roderick Camilleri | €100.00 | €100.00 | D | PF | inv re nursing services performed on 19/11/14 re influenza vaccinations | 19/11/14 | nil | 6345 | 6531 | | |
| 32 | David Grixti | €100.00 | €100.00 | D | PF | inv re nursing services performed on 19/11/14 re influenza vaccinations | 19/11/14 | nil | 6347 | 6533 | | |
| 33 | Intercomp Marketing Ltd | €160.44 | €160.44 | K | PF | inv 189284 - copy count Oct 14 | 31/10/14 | 189284 | nil | nil | | |
| 34 | Nexos Lighting and Vision | €953.69 | €953.69 | D | PF | inv 13416 - rental of stage light at Fgura on 25/10/14 and podium | 11/11/14 | 13416 | 6319-6381 | 6505-6567 | | |
| 35 | Lawrence A Cauchi | €71.46 | €71.46 | T | PF | inv 20140535 - accountancy services | 31/10/14 | 20140535 | nil | nil | | |
| 36 | Valletta Operators Ltd | €161.00 | €161.00 | D | PF | inv 2014001 - coffee break on 22/10/14 | 11/11/14 | 2014001 | 6335 | 6521 | | |
| 37 | Holistic Technologies Ltd | €595.00 | €595.00 | D | PF | inv 2014101 - robotics one course | 05/08/14 | 2014101 | 6378 | 6564 | | |
| 38 | Koptaco Coaches Cooperative | €76.70 | €76.70 | D | PF | inv KCC10002046 - re outing on 22/10/14 | 31/10/14 | KCC 10002046 | 6296 | 6482 | | |
| 39 | WasteServ Malta Ltd | €3,553.19 | €1,652.53 | D | PF | inv 053150 and 053224 - waste disposal at Ghallis Engineered Landfill and Sant Antnin Recycling Plant on 4, 11, 1, 2, 3, 6, 8, 9, 10, 13, and 15 Oct | 01/11/14 | 053150-053224 | nil | nil | | |
| 40 | Big Beeper Hardware Store | €88.10 | €88.10 | D | PF | inv 897, 896 - zebgha maroon, rollers, handles, lock, ramel, cement, black paint | 19/11/14-10/11/14 | 897-896 | 6375-6374-6370-6365-6362 | 6561-6560-6556-6551-6548 | | |
| 41 | Daniel Cutajar | €772.20 | €772.20 | D | PF | inv 5 - bulky refuse collection during Nov 14 | 28/11/14 | 5 | 6379 | 6565 | | |
| | **Sub Total c/f** | **€8,594.41** | **€6,693.75** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€11,015.46** | **€11,015.46** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,609.87** | **€17,709.21** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Fgura**



## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
### Data 12/11/14 sa 28/11/14

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Arms Ltd | €650.00 | €650.00 | D | PF | 3 Temporary applications re Christmas Decorations from 6/12/14 - 5/1/15 and 2 Temporary applications from 5/1/15-5/2/15 | nil | nil | nil | nil | 2130 | 9539 |
| 2 | Go plc | €50.00 | €50.00 | D | PF | bill no 40731366 re Internet rental 21806342 | 12/11/14 | 40731366 | nil | nil | 2161 | 9540 |
| 3 | Go plc | €34.94 | €34.94 | D | PF | bill no 40737917 re rental charge tel 21803674 business Internet Skola Primarja Library | 12/11/14 | 40737917 | nil | nil | 2161 | 9541 |
| 4 | Go plc | €110.53 | €110.53 | D | PF | bill no 40715307- re mob 79664222 for Oct 14 | 10/11/14 | 40715307 | nil | nil | 2160 | 9542 |
